# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 15 ta' Marzu tas-sena 2001.**

**Numru 22**

**Avviz numru 1723/99/SM**

**Middle Sea Insurance plc kif surrogata fid-drittijiet tal-assigurat taghha Mary Rose Avellino abbazi tal-polza ta' assigurazzjoni u tal-ligi u l-istess Mary Rose Avellino.**

**vs**

**Carmel Borg**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat it-22 ta' Novembru ta' l-1999 li permezz tieghu l-atturi sejhu lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:**

1. **Ihallas is-somma ta' LM327.70,0 tlett mija u sebgha u ghoxrin lira u sebghin centezmu (LM327.70,0), jew somma verjuri, li minnhom LM227.70, huma pagabbli lis-socjeta' attrici Middle Sea Insurance plc u filwaqt illi**

**LM100.00,0 pagabbli lill-attrici l-ohra Mary Rose Avellino bhala excess, rappresentanti d-danni sofferti mill-atturi b'rizultat tal-incident tat-traffiku li sehh fis-27 ta' Gunju, 1999 fiz-Zabbar, bejn il-vetturi b'numri LAB 738 u JAI 576, stante illi hu unikament responsabbli ghall-incident in kwistjoni, stante illi l-imsemmi incident sehh bhala rizultat tat-traskuragini, imperizja, negligenza non curanza u non osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parte tieghu, billi hu naqsa illi jzomm "proper lookout" qabel ma qaleb minn lane ghall-iehor u b'hekk ikkaguna l-incident in kwistjoni;**

2. **Bl-imghax legali mid-data tan-notifika tal-avviz u bl-ispejjez inkluzi dawk tal-konsult ammontanti ghall-LM10, tal-ittra legali tad-29 ta' Settembru, 1999, u tal-ittra ufficcjali presentata kontestwalment mal-presenti kontra l-assigurazzjoni tal-konvenut, kontra l-konvenut, li minn issa jiqba' ngunt ghas-subizzjoni tieghu;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet datata l-20 ta' Dicembru ta' l-1999, li permezz taghha l-konvenut eccepixxa s-segwenti:**

1. **it-talba tal-atturi ghandha tkun respinta stante l-incident awtomobilistiku in kwistjoni ma garax tort tal-eccipjent izda gara unikament htija ta' Darren Portelli xufier tal-vettura Nru: LAB 738 propjeta' tal-attrici Mary Rose Avellino;**

2. **Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi l-fatti li taw lok ghall-procedura odjerna jistghu jigu sintetikament kompilati bil-mod segwenti:**

**1. Illi l-incident awtomobilistiku in dizamina sehh fis-27 ta' Gunju ta' l-1999 ghall-habta tad-9.00 a.m. bejn il-vettura tal-marka Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni LAB-738 misjuqa minn Darren Portelli u l-vettura tal-marka Hillman Hunter bin-numru ta' registrazzjoni JAI 576 misjuqa minn Carmel Borg, il-konvenut;**

**2. Illi l-vettura misjuqa minn Darren Portelli hija proprjeta' ta' Mary Rose Avellino;**

**3. Illi l-incident de quo sehh fil-"by-pass" ta' Marsascala;**

**4. Illi anke kif jirrizulta mill-iskizz fl-atti ta' din il-procedura, jirrizulta li l-incident de quo sehh fil-parti tal-"by-pass" li fih tisbokka St. Anthony Street;**

**5. Illi l-vettura misjuqa mill-konvenut tirrizulta li dahhlet minn wara fuq dik misjuqa minn Portelli;**

**6. Illi l-konvenut iddepona bil-gurament li kien ser isuq fid-direzzjoni tas-"side street" imsemmija fil-paragrafu precedenti u li ma rax lil Portelli;**

**7. Illi hi sodisfatta li l-atturi pprovaw l-ammont ta' danni minnhom sofferti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi in vista tal-premess jirrizulta li l-konvenut kien unikament responsabbli ghall-incident de quo stante li fil-manuvra biex jidhol f' "side street" kien imissu kien aktar prudenti peress li kien ser jostakola l-andament liberu tat-traffiku;**

**Illi ghaldaqstant din il-qorti tiddeciedi li:**

**1. Tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-incident in dizamina;**

**2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi fl-ammont ta' tlett mija u seba' u ghoxrin Lira Maltin u sebghin centezmu, (LM327.70,0) apporzjonati**

**kif indikat fl-avviz li ta' lok ghall-procedura odjerna;**

**3. Tikkundanna lill-konvenut Carmel Borg biex ihallas lill-atturi l-ammont hekk likwidat, bl-ispejjez.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**